Minuti tal-laqgħa numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (QLC) li nżammet nhar il-5 ta' Ġunju, 2025 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Muniċipali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsilllier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| Skuzata: | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |

14.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** Apoloġija u Presedenza

Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sa Marion Parnis u din ġiet aċċettata. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri.

14.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru tlettax** Minuti tas-seduta numru 13

Il-minuti tas-seduta numru tlettax (13) kienu ikkunsidrati. Is-Sa Nina Skye Briffa kellha korrezzjoni żgħira f'punt numru 13.12.07 fejn inqata' isem ta' persuna minħabba l-privatezza u dawn kienu mressqa għall-vot mil-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sur Karmenu Farrugia u kien hemm qbil u vot unanimu.

14.03 **Skemi tad-Dipartiment Gvern Lokali pendenti** SPI/SCI/6/2025

Dwar iċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi hemm xi affarijiet li ma sarux sew. Fosthom it-taraġ mil-*ground floor* għall-*first floor* li jrid jinqala' l-irħam tiegħu jsir mil-bidu. Madankollu issa ffissajna laqgħa nhar id-19 ta' Ġunju mad-Direttur Ġenerali Gvern Lokali għaliex il-kuntrattur talab żieda ta' 5% peress li r-rati tat-*tender* huma antiki u ma jistax jaħdem bihom. Għal mistoqsija tas-Sur Karmenu Farrugia dwar ix-xogħlijiet, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi għall-Berġa issa nistgħu inġibu l-*compliance certificate* wara li jitwaħħal il-*water heater* u s-*sink* ġo *cupboard*. Il-laqgħa ffissata għad-19 ta' Ġunju hija dwar skema tad-DLG li se tagħlaq ftit tal-ġimgħat oħra.


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

14.04 **Minn Pjazza għal Pjazza**

Minn Pjazza għal Pjazza

Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq l-iskema tal-attività Minn Pjazza għal Pjazza. Din l-attivita' se tkun qed tiġi organizzata fix-xahar ta' Settembru. Madankollu, is-Sa Sacco qalet illi staqsejna lill-kazini jekk għandhomx xi ħaġa huma u kien stabbilit illi fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Settembru hemm il-festa ta' Santa Katarina, it-tieni tmiem il-ġimgħa hemm il-festa tal-Madonna tal-Ħniena, it-tielet tmiem il-ġimgħa hemm l-Indipendenza u r-raba' tmiem il-ġimgħa hemm il-festa ta' San Mattew tal-Maqluba. Għaldaqstant se naraw jekk hux possibbli li din l-attività ssir nhar it-30 ta' Awwissu. Id-DSE qal illi f'laqgħa li kellu mas-Sur Daniel Cauchi, id-direttur artistiku, dan irid li jintwera' filmat. Għaldaqstant jekk min-naħa tagħna insibu wieħed li jintwera fih il-Qrendi, ikun addattat aktar mal-okkazjoni. Il-Viċi Sindku, s-Sa Sacco qalet illi din l-attivita' se tkun organizzata biex fl-istess ħin ikun hemm per eżempju min jagħmel ikel Malti u wkoll jitfakkru d-drawwiet tal-imgħoddi.

14.05 **Approvazzjoni tal-Permessi tal-Kabbani, l-Imwejjed u s-Siġġijiet tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes**

Kabbani fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes

Il-lista tal-permessi li kienet ippreżentata waqt din il-laqgħa tal-Kunsill kienet approvata b'vot unanimu u se jinħarġu l-permessi mill-uffiċċju.

14.05 **Ġnien tal-Kmand (Update)**

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq il-Ġnien tal-Kmand u aġġorna lill-kunsillieri li propju nhar l-4 ta' Ġunju, kien hemm zjara fil-Ġnien tal-Kmand mill-Ministru tal-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor Miriam Dalli. Saret ukoll iz-zabra tas-siġar taċ-ċitru mill-ħaddiema ta' *Project Green*. Uffiċjali ta' Din l-Art Ħelwa se jagħmlu pjanta nhar il-11 ta' Ġunju biex jidentifikaw il-ħsarat fil-ħitan u wkoll ġejjin uffiċjali tas-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi biex il-ġnien jinfetaħ għall-pubbliku u jkun sigur, iridu jew jinqatgħu barra partijiet fejn hemm il-bjar/ġwiebi pemezz ta' bibien jew inkella jingħalqu l-bokok tagħhom. Madankollu irridu nizguraw li dawn qed jimtlew minn Triq Santa Katarina partikolarment bl-ilma li jinzel minn Triq Gregorio Mifsud. Għad hemm ukoll diffikultà fuq il-funtana li ma nafux x'se jsir; jekk hux *railing*, ġebel fiha biex titbaxxa u ma jkun jista' jegħreq l-ebda' tifel/tifla u hemm ukoll il-bzonn li jinxtraw pompi ġodda tal-ilma biex ngħinu s-siġar bit-tisqija għax imorru lura bil-għatx fis-Sajf.

14.06 **Audited Financial Statements 2024**

Audited Financial Statements

L-audited financial statements 2024 kienu proposti mil-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa, u approvati b'vot unanimu wara li kien innotat *surplus for the year* f'paġna 3 fl-*iStatement of Financial Position* ta' €175,846 komparat ma' dak tas-sena l-oħra ta' €89,177. Dawn l-Audited Financial Statements ingħataw lilna mill-Accountant wara li għaddewlhom il-korrezzjonijiet *Parker Russel Turner.*

14.07 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 08/5/25 – 05/6/25 u Petty Cash AC/05** Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti u dik tal-*petty cash* kienu approvati b'vot unanimu wara li s-Sur Karmenu Farrugia talab spjegazzjoni għall-kont tal-bandli ta' €86,000. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri spjega illi kontijiet bħal dawk ikunu ċertifikati minn Perit, kif fil-fatt kien u wkoll skont it-tender li jkun ħareġ il-Kunsill. Ix-xogħlijiet kienu sodisfaċenti u l-kuntrattur ma tagħniex inkwiet. Id-DSE qal illi meta kellna laqgħa fl-uffiċċju mal-Perit Henry Attard u li għaliha kien ukoll preżenti is-Sur Karmenu Farrugia, wara saret spezzjoni fuq il-bandli ta' Triq Nicolo' Communet li kienu qed jitwaħħlu u dan ġiegħlhom anke jaqilgħu il-*play structure* li kienu għadhom kemm waħħlu għax ma ġiex tajjeb. Fuq kollox il-kont jinkludi wkoll is-*safety flooring* u l-apparat tal-bandli u l-gradi tal-ilma, bankijiet eċċ. Dwar l-*embellishment* jew aħjar il-*landscaping*, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi dan se jsir ukoll minn *Project Green* wara li rridu nġibulhom il-ħamrija biex tintefa' fil-konki. Bandli Triq Nicolò Communet

14.08 **Punti Oħra**

14.08.01 Dwar il-Festival tal-Patata 2025 intqal illi kien hemm attendenza tajba ħafna. L-organizzazzjoni kienet ukoll tajba izda hemm xi ntejbu. Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco qalet illi rridu nżidu l-umbrelel. Kien hemm diffikultà dwar il-ħsejjes tal-ġeneratur bil-lejl. Kien hemm promozzjoni b'saħħitha tal-attività li għenet. L-organizzatur is-Sur Alex Zammit irnexxielu jiġbor kollox u laqqa' lil kulħadd b'mod tajjeb. Fuq kollox bir-rizorsi li kellna rnexxielna ntellgħu spettaklu kbir fuq il-palk u wkoll kien iġġenerat kummerċ tajjeb fost il-bejjiegħa tal-istalls. Festival tal-Patata

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri rringrazzja lil kull min ta sehemu.

14.08.02 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq il-gaġġa kbira li se tkun imwaħħla fil-ġnien tal-Warda biex fiha jitpoġġa il-gamiem mill-Għaqda tal-Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK). Gaġġa tal-Gamiem tal-FKNK


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

| | | |
|---|---|---|
| 14.08.03 | Kien approvat ir-rapport tal-bord tal-Intervisti tal-iskrivan Skala XV. Is-Sa Marouska Sacco kienet approvata wara li saru l-intervisti nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025. | Rapport tal-Intervista tal-Iskrivan/a |
| 14.08.04 | Dwar l-intervisti biex timtela' l-vakanza tas-Segretarju Ezekuttiv kien kien appuntat Ċerpersin is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri, u membri tal-bord u tal-intervistaturi se jkunu l-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u l-kunsilliera is-Sa Nina Skye Briffa. | Intervisti tas-Segretarju Ezekuttiv |
| 14.08.05 | Is-Sur Karmenu Farrugia fakkar lis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri fuq il-bzonn li jitwaħħlu l-*bollards* tal-Festa. Is-Sur David Michael Schembri qal illi dawn qed jieħdu ħsiebhom il-Ministeru tas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia li min-naħa tagħhom huma ordnati minn barra u se jwaħħalhom il-kuntrattur. | Bollards tal-Festa |
| 14.08.06 | Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa dwar il-faċilita' tar-rekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill. Id-DSE qal li dak kollu li se jitwaħħal hawn ġew jista' faċilment jiġi nstallat fl-uffiċċju l-ġdid ovvjament għal spiża doppja. Għaldaqstant, kien deċiż li mmorru għal dan il-proġett mas-Sur Spagnol. | Irrekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill |
| 14.08.07 | Is-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku, talbet illi jinħasel iz-zuntier tal-Knisja qabel il-festa għaliex hu maħmuġ, possibbilment bil-*power washer*. Se nkellmu lil kumpanija tat-tindif kemm-il darba ma nsibux lil min jagħmlu volontarjament. | Ħasil taz-zuntier |
| 14.08.08 | Is-Sa Anthea Sacco staqsiet mistoqsija jekk hux possibbli li jgħumu klieb f'Wied iz-Zurrieq. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li bajjiet li jkunu jistgħu jgħumu l-klieb fihom iridu jkunu *designated* għal dan il-għan mil-Gvern Ċentrali u mhux mil-Kunsill. | Għawm tal-Klieb f'Wied iz-Zurrieq |
| 14.08.09 | Is-Sa Anthea Sacco talbet li jinqata' l-ħaxix ħażin mill-inħawi tal-ATM viċin Triq Ġuze Cassar, fi Sqaq Muddejn u viċin in-niċċa ta' Lourdes fi Triq l-Imqabba. F'dan il-waqt, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li se jibgħatulna zewġ persuni biex jassistu f'dawn ix-xogħlijiet ta' kuljum. | Qtugħ tal-ħaxix ħazin |
| 14.08.10 | Is-Sa Anthea Sacco rringrazzjat lill-ħaddiema talli saret iz-zabra tal-*hedge* fil-Ġnien tal-Warda. | Zabra |
| 14.08.11 | Is-Sa Nina Skye Briffa talbet li tingħata rifużjoni għas-safra tagħha fi Brussell nhar it-12-16 ta' Ottubru 2025. Kien deċiż li l-Kunsill joħroġ din ir-refuzjoni skont l-Public Service Management Code. | Subsistance |

| | | |
|---|---|---|
| 14.08.12 | Is-Sa Nina Skye Briffa tkellmet ukoll fuq e-mail li rċeviet mis-Sa Andrea tal-Kunsill Lokali tat-tfal. | Kunsill Lokali tat-Tfal |
| 14.08.13 | Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq l-*overtime* offrut lill-ħaddiema manwali għall-attività tal-Festival tal-Patata. Dawn irrifjutaw li jaħdmu u s-Sur Farrugia qal li kien dizappuntat b'dan l-aġir tagħhom. | Assistenza mil-ħaddiema |
| 14.09 | **Data tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u dik li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Lulju 2025 fil-5.30pm. | Aġġornament |

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 7 ta' Lulju 2025 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;